**Specjali dwar il-Fiera Internazzjonali tal-Ktieb**

# L-ORIGINI TAL-FIERA TAL-KOTBA

**Qabel twieldet l-arti tiprografika fis-Seklu XV, l-għadd ta' kotba, li naturalment kienu kollha miktubin kopja kopja bl-idejn, kien żgħir, u ma kienx hemm problemi kbar ta' trasport, tqassim, pubbliċita', eċċ. L-invenzjoni ta' Gutenberg ġiebet magħha rivoluzzjoni fl-industrija tal-ktieb u ħolqot teknoloġija ġdida bil-ħtiġiet komplessi tagħha.**

***MINN PAUL XUEREB***

Sa mill-bidu nett il-kummerċjanti tal-kotba bdew jinqdew bil--fieri sabiex igħelbu b'aktar ħeffa d-diffikultajiet li kienu jiltaqgħu magħhom. Fil-fieri kbar u żgħar kont issib għall-bejgħ prodotti ta' kull għamla, u issa bdew jidhru wkoll il-kotba. Peress li l-kummerċjanti li jbiegħu fil-fieri kienu jgawdu għadd ta' privileġġi, it-trasport kien aktar faċli, u ħafna xerrejja mid-distrett kollu ta' madwar il-belt fejn kienet issir il-fiera kienu jiġu speċjalment ħalli jixtru, fost ħwejjeġ oħra, kotba reċenti. Kien ikun hemm ukoll kummerċjanti li jispeċjalizzaw fil-kambju tal-flus, u dan kien ta' għajnuna għal, per eżempju, bejjiegħ Tedesk, li jrid ibigħ fis-suq Franċiż.

Għalhekk għal dawn il-fieri kienu jiġu bosta stampaturi u bejjiegħa tal-kotba. L-istampaturi kienu jiġu biex jixtru t-tipi mingħand dawk li jagħmluhom fil-waqt li l-librara kienu jibbilanċjaw il-kontijiet ta' kull sena ma' librara oħra u jiksbu informazzjoni dwar kotba li kienu se jiġu ppubblikati aktar 'il quddiem u b'hekk jiżguraw irwieħhom li huma ma jippubblikawx l-istess xogħlijiet li se joħroġ ħaddieħor.

L-akbar fieri fl-Ewropa kienu dawk ta' Leipzig u Frankfurt ġol-Germanja, ta' Lyons ġo Franza u ta' Medina del Campo ġewwa Spanja. L-aktar waħda mportanti bħala fiera tal-kotba kienet dik ta' Lyons, belt li malajr saret ċentru kbir tal-industrija tipografika. Lyons għandha pożizzjoni ġjografika mill-aqwa, qrib il-fruntieri ma' l-Italja u l-Isvizzera. Ir-rejiet ta' Franza u l-awtoritajiet ta' dik il-belt kienu jagħtu privileġġi ġenerużi lil min jattendi għall-fiera: ħadd ma kien jista' jġiegħel lill-kummerċjant jiftaħ il-kotba tal-kontijiet biex jiġu spezzjonati, il-barranin kienu jistgħu jidħlu ġo Franza u jitilqu bla ebda tfixkil, u ma kienx hemm taxxi fuq it-trasport tal-merkanzija.

Il-fiera ta' Lyons kienet issir darbtejn fis-sena, u kienet iddum ħmistax-il ġurnata. L-importanza tagħha kienet tħajjar lil-librara u tiprografi barranin jiftħu ħwienet ġo fiha, u kienu l-librara ta' Lyons li kienu jimpurtaw il-kotba Taljani, Tedeski u Svizzeri ġewwa Franza, u fl-istess ħin jesportaw il-kotba Franċiżi — fosthom il-kotba tal-liġi li għalihom Lyons kienet magħrufa — lejn l-Italja, Spanja u l-Germanja. Iżda l-kummerċ tal-kotba ma kienx isir biss bejn il-librara lokali u barranin. Kienu jiġu ħafna nies oħra biex jixtru kotba ta' qari popolari: almanakki, kotba tad-devozzjoni u rumanzi popolari llustrati.

Fis-seklu XVI il-fiera ta' Frankfurt (li tinsab ftit 'il bogħod minn Mainz fejn twieldet l-arti tipografika) kisbet importanza akbar minn dik ta' Lyons. Anton Koberger, l-akbar editur ta' tmiem is-seklu XV kien jiġi f'din il-fiera regolarment bil-kaxex tal-kotba, tant li sid il-lukanda fejn kien joqgħod Koberger waqt il-fiera bnielu ħanut fejn il-kotba setgħu jinbiegħu bejn Fiera u oħra. Kienu jiġu għal din il-fiera librara mill-Germanja kollha, mill-Isvizzera, mill-Olanda, minn Franza, mill-Ingilterra, u mill-Italja. Kienu jiġu wkoll għall-fiera bosta awturi bit-tama li xi ħadd jippubblikalhom il-manuskritti tagħhom. Henri Estienne, tiprografu u studjuż famuż Franċiż, qal li Frankfurt kienet 'Ateni ġdida' fejn kont tara studjużi ċelebri jiddiskutu bil-Latin quddiem innies li kienu jibqgħu b'ħalqhom miftuħa.

Fil-fiera ta' Frankfurt kienu jippubblikaw katalgi tal-kotba għall-bejgħ. Sa mis-sena 1500 ħarġet lista' ta' mitejn ktieb stampat ġo Venezja, Nuremberg, u Baslet, iżda kien fl-1564 li beda joħroġ regolarment darbtejn fis-sena katalgu tal-kotba kollha li kienu għall-bejgħ fil-fiera.

Il-gwerra tat-Tletin Sena (1618-1648) tat daqqa ta' ħarta kbira lill-fiera ta' Frankfurt, għax ftit librara barranin bdew ġejjin f'dawk is-snin, u l-produzzjoni tal-kotba Tedeski naqset ħafna. Għal din irraġuni u minħabba l-fatt li ġo Leipzig kien hemm ħafna aktar tolleranza minn ġo Frankfurt għall-kotba Protestanti, il-fiera ta' Leipzig bdiet tisboq lil ta' Frankfurt fis-seklu Sbatax. Iżda fi żmienna l-fiera internazzjonali tal-ktieb ta' Frankfurt reġgħet saret l-akbar fiera ta' din ixxorta fid-dinja.

Fi żmienna difatti l-fieri tal-kotba reġgħu ħadu spinta kbira għal aktar minn raġuni waħda. Bħalma l-użu universali tal-Latin fil-kotba tal-istudjużi fl-imgħoddi ta dimensjoni internazzjonali lill-pubblikazzjoni tal-kotba, hekk ukoll fi żmienna l-użu tal-Ingliż inxtered ħafna, u għalhekk il-fieri saru jagħmlu aktar sens milli kienu fiż-żmien meta kull pajjiż kien jippubblika f'ilsienu biss jew kważi. Mhux biss il-pajjiżi kollha jridu jixtru kotba miktubin bl-Ingliż u ppubblikati f'għadd kbir ta' pajjiżi, iżda hemm ukoll ħafna pajjiżi li jeħtieġu traduzzjonijiet bl-ilsna tagħhom ta' kotba bl-Ingliż, l-aktar fil-kamp taxxjenza fejn il-kotba Ingliżi u Amerikani spiss jippredominaw. Għalhekk f'dawn il-fieri tara lid-djar editriċi ta' pajjiżi Għarab, Sudamerikani u ħafna oħrajn jiddiskutu ma' djar editriċi Ingliżi, Amerikani, eċċ biex jakkwistaw drittijiet ta' traduzzjoni. Naturalment, l-istess ħaga jagħmlu djar editriċi li jixtiequ jippubblikaw f'ilsien pajjiżhom xi rumanz jew xogħol letterarju ieħor miktub f'ilsien ieħor, forsi lsien magħruf biss minn ftit miljuni. F'okkażjonijiet bħal dawn awturi ma jafhom ħadd barra mill-fruntieri dojoq ta' pajjiżhom ġieli jsibu xortihom u jagħmlu isem mad-dinja kollha.

Il-fieri tal-kotba l-aktar li jiswew hu għad-djar editriċi biex jiltaqgħu u jifteħmu, u għal-librara u l-bibljotekarji biex jippjanaw ix-xiri tagħhom għax-xhur li ġejjin. Għalkemm illum hemm għadd kbir ta' bibljografiji li minnhom wieħed jista' jsir jaf x'qed jiġi pubblikat f'għadd kbir ta' pajjiżi, m'hemmx isbaħ u aktar konvenjenti milli tara l-ktieb b'għajnejk, u tiddiskutih ma' min ippubblikah id-diffikultajiet li ssib biex takkwistah jew titjib li tixtieq tara f'dak il-ktieb jekk joħroġ f'edizzjoni oħra.



L-istampa fl-ewwel żmenijiet tagħha.